MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2003

**F.E. SULLIVAN & Co. Ltd.**

**vs**

**GENERAL NATIONAL MARITIME TRANSPORT COMPANY**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-2 ta’ Jannar, 2003, li bih il-kumpannija attriċi ippremettiet:

Illi s-soċjeta’ F.E. SULLIVAN & Co Ltd hija kreditriċi tas-soċjeta’ GENERAL NATIONAL MARITIME TRANSPORT Company fl-ammont ta’ Lm53,000 (tlieta u ħamsin elf liri maltin);

Illi dan il-kreditu huwa dovut rigward konsegni ta’ materjal, provisti u servizzi oħra mogħtija fuq ordni tas-soċjeta’ konvenuta;

Illi s-soċjeta’ attriċi talbet lis-soċjeta’ konvenuta diversi drabi sabiex iħallsu l-ammont dovut u minkejja dan hija baqgħet inadempjenti;

Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta stante li dan id-debitu huwa ċert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-soċjeta’ attriċi l-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet x’jagħti;

Għalhekk is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandhiex in vista tal-premess:

1. Tiddeċiedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lis-soċjeta’ konvenuta tħallas is-somma ta’ Lm53,000 (tlieta u ħamsin elf liri maltin);

Bl-ispejjeż inkluz dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni datati Jannar, 2003 u bl-imgħax relat sal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta’ attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lis-soċjeta’ konvenuta li naqset li tippreżenta nota ta’ eċċezzjonijiet u hekk baqgħet kontumaċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta’ attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u billi jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi u** tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-istess soċjeta' attriċi is-somma ta' Lm53,000 (tlieta u ħamsin elf liri maltin) u bl-ispejjeż inkluzi dawk tal-mandat ta' Inibizzjoni u bl-imgħax relat sal-pagament effettiv kontra s-soċjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------